MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 832/2003

**Central Asphalt Limited**
**vs**
**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet:

Peress illi s-socjeta' konvenuta hija debitur ta' dik attrici fis-somma ta' ghaxar t'elef, hames mija u sbatax-il Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm10,517.22) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet u materjal konness ma' l-industrija tal-bini maghmul u mibjugh lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess u accettat mill-istess socjeta' konvenuta, kollox kif indikat fl-anness Dok A u kif ser jigi ahjar ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;

U peress illi meta interpellata sabiex thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti, anke jekk hi accettat id-

debitu dovut u minn jeddha offriet illi thallas l-ammont dovut b'rati ta' pagamenti fix-xahar kif minnha stess propost (Dok B u Dok C), haga li lanqas ma saret u xorta baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi hija ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxar t'elef, hames mija u sbatax-il Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm10,517.22) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet u materjal konness ma' l-industrija tal-bini maghmul u mibjugh lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lil dik attrici s-somma msemmija ta' ghaxar t'elef, hames mija u sbatax-il Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm10,517.22).

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru u l-ittra ufficjali ippresentata mieghu u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------